**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 18 ta' Frar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Carlos Cordina/ Nicholas Vella**

**Vs**

**David Vella**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra David Vella eta' 36 sena, iben Emmanuel u Rosemarie xebba Farrugia, mwieled Pieta' fi 18 ta' Lulju 1978, residenti gewwa 47 Flat3, Triq Belvedere, Gzira u detentur ta' Karta ta' Identita 0345478m;

Talli fis-6 ta' Frar 2015 ghal habta ta' 21:00hrs u/ jew fil-jiem ta' qabel, gewwa l-Iklin u fil-gzejjer ta' Malta:

1) Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi hsieb li jikaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christopher Schembri ura dan il-hsieb b'atti esterni u li taghaw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt;

2) U talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ghad-detriment ta’ Yanika Zahra u/ jew E&S Consultantancy Ltd u/ jew kumpaniji ohra liema serq huwa kwalifikat bil-valur;

3) U Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi zamm, garr u/ jew uza arma tan-nar, fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna;

4) U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma kienetx fl-ghata taghha, jew spara xi arma tan-nar, waqt li kien inqas min 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra, f’medda ta’ 50 metru minn toroq principali;

5) Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f’idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

6) Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta’ arma tan-nar, jigifieri pistola jew munizzjon, xort’ ohra milli b’licenzja , u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma jew munizzjoni ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz;

7) Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Christopher Schembri biza li ser tintuza vjolenza kontrieh, meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkaguna biza;

8) Talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u sorbju;

9) Volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku;

10) Minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil Christopher Schembri, b’xi arma sabiex ihebb ghalih;

11) Hebb ghal Christopher Schembri sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara bxi mod;

12) Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijien band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovoka, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

13) Ghamel reat iehor wara li kien gie ikkundannat ghal reat, b'sentenza datata 14 ta' Gunju 2012 mahruga mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LLD liema sentenza saret definittiva, b'hekk gab ruhu recidiv.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 49, 50, 217, 218, 261, 268, 338(dd), 338 (bb), 339(1)(b), 339(1)(d), 339(1)(e) u 342 tal-Kap 9, l-Artikolu 55 tal-Kap 480 u s-sezzjoni 18(2)(a) ta' l-A.L. 79/2006 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti, stante illi l-imputat miet fil-mori tal-kawza qieghda tiddikjara dawn il-proceduri ezawriti.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**